

# Casino Principale San Giuseppe: Skoperta ta' statuti bikrija

*Dr Charles J. Farrugia*
*BA(Hons), PG. Dip.Rec.Mgmt.(N'Castle), MA (Melit), MA (Lond), Ph.D(Aber.)*

Meta ftit tas-snin ilu bdejna proġett intensiv sabiex niġbru eluf ta' dokumenti tal-Pulizija kont naf li dawn fihom potenzjal kbir għal ħajja ta' kuljum fl-irħula tagħna. F'dawn id-dokumenti hemm ir-risposti għal ħafna passaġġi tal-istorja li għadhom sal-lum imtappna minħabba nuqqas ta' sorsi. Kull fejn ikun hemm nuqqas ta' sorsi primarji jinfetaħ spazju għal immaġinazzjoni u teoriji li meta ripetuti fuq medda ta' snin isiru sors fihom infushom. Filwaqt li jista' jkun li dawn l-istejjer ikunu veri, huma biss is-sorsi primarji li jkunu jistgħu jivverifikaw, jew isaħħu dawn l-istejjer. Fil-ġrajjiet miktuba tal-irħula tagħna, u aktar u aktar tal-każini, għandna ħafna minn dawn il-miti. Konvint li aktar ma nifthu dokumenti, aktar l-istorja ser tiċċara ruħha. Diġà kelli l-okkażjoni niżvela diversi dokumenti ġodda fl-istorja ta' Ħal Kirkop. Dan b'mod speċjali fl-istorja tal-partit u l-festa ta' San Ġużepp. Il-fajl li qed nanalizza ma' dan l-artiklu ser jara d-dawl għall-ewwel darba. Nistqarr li dan wasal b'kumbinazzjoni meta l-persuna li kien qed jipproċessa dan il-materjal ġibidli l-attenzjoni. Peress li diġà għaddew is-70 sena minn fuqu (il-perjodu li għalih is-sorsi kollha tal-Pulizija huma magħluqa) stajt nippubblikah. Nispera li fi ftit snin oħra nkunu nistgħu nifthu l-kollezzjoni kollha għar-riċerka pubblika.

Il-fajl in kwistjoni jġib in-numru '*Club Register-Index no. E/145/38'* u jgħajjat lis-Segertarju tal-*Casino Principale San Giuseppe* b'data tal-25 ta' Settembru 1938. L-isem ta' dan il-fajl hu wieħed stampat li jfisser li kien hemm diversi bħalu u hu '*Particulars in terms of Government Notice No. 491 dated 20th November 1933; Submits*'. Dan ifisser li f'dan il-fajl wieħed kellu jsib rapport b'risposta obbligatorja għal proviżjonijiet tan-notifika tal-Gvern inkwistjoni.

Fil-qosor, in-notifika tal-gvern kienet tirregola kif wieħed kellu jirreġistra l-każini. Bħalma baqgħet il-prassi, biex wieħed jopera każin ried permess tal-pulizija. Biex jinħareġ dan il-permess u jiġi mġedded


REGISTRATION OF CLUBS
In terms of Government Notice No. 491 of 20th November, 1933.

Name of Club: Casino Principale San Giuseppe

Object of Club: Social and for further promotion of the feast of St. Joseph.

Address of Club: 9 Kirchop Square

Name of Secretary: Vincent Attard

Address of Secretary: 5 St. Nicholas Street Kirchop

Number ~~Name~~ of Members: 33

RULES OF THE CLUB

I The foundation of the club has as its motive through the mutual agreement of both Committee and members to work socially together to promote further the feast of St. Joseph which is held annually in the village.

II The direction of the club is left entirely to the committee which consists of a President, Secretary, treasurer and two members.

III Committee members have to resign, and stand for re-election if willing about the 15th August of each year, in the event of a vacancy during the said period the election for the said seat will be held immediately

Police—404. 4r. 1. 35.

***Reġistrazzjoni tal-każin magħmula minn Vincent Attard***

kull sena kien hemm il-bżonn li l-każin jibgħat l-istatut tiegħu lill-Pulizija u jerġa' jibgħat kopja kull meta jkun hemm bżonn jiġġedded il-permess. Il-fajl jibda b'formola tar-reġistrazzjoni tal-każini;

Minn din l-ewwel formola ta' reġistrazzjoni joħroġ ċar li għas-sena 1938 (għax il-formola ġiet iffirmata minn Vincenzo Attard fil-25 ta' Settembru ta' dik is-sena) il-każin kien jismu '*Casino Principale San*


I hereby declare that the foregoing particulars are correct and that a Register is kept on the premises showing the names and addresses of the Club Members and a record of the latest payment of their subscription.

Date 25/9/08    Vincenso Attard Secretary

To

The Commissioner of Police

MALTA.

***Il-firma tas-Segretarju Vincent Attard fuq il-formola tar-reġistrazzjoni***

*Giuseppe*' u kien jinsab f'numru 9, Pjazza Kirkop. Attard kien joqgħod f'numru 5, Triq San Nikola u jiddikjara li l-każin kellhu 33 membru. Interessanti wkoll li f'din il-formola kien irid jiġi dikjarat l-iskop tal-każin. Għal dik is-sena dan hu rapportat bħal skop soċjali u biex jippromwovi l-festa ta' San Ġużepp (*social and for further promotion of the feast of St Joseph*).

Dan li ġej hu l-istatut tal-Każin San Ġużepp kif hu dokumentat bil-lingwa oriġinali – l-Ingliż. Wara nikummentaw dwar xi fatturi interessanti:

I *The foundation of the club has as its motive through the mutual agreement of both Committee and members to work socially together to promote further the feast of St Joseph which is held annually in the village.*

*II The direction of the club is left entirely to the committee which consists of a President, Secretary, Treasurer and two members.*

*III Committee members have to resign, and stand for re-election if willing about the 15th August of each year, in the event of a vacancy during the said period the election for the said seat will be held immediately.*

*IV The committee reserves the right to summon sittings when it considers necessary, all accounts to be read monthly, while once a year they will be affixed on the board for all members to see.*

*V A quorum is not formed, and a sitting is not valid unless half of the members are in attendance, the above also renders a sitting to be adjourned.*

*VI A committee sitting must include the Secretary and two members, failing the said attendance an adjournment will follow when any number present will be considered sufficient.*

*VII Any committee member holds the right to examine at any time the daily progress of the club.*

*VIII Admission of new members is subject to the approval of the committee also payment of some.*

*IX Cash derived from contributions shall be under the care of the treasurer who can dispose of some when instructed by the Committee.*

*XI All members will hold themselves responsible for their friends whilst in their company at the Club.*

*XII Committee decisions are regarded final.*

*XIII Games, pastimes and recreations are limited to those permitted by the law.*

*XIV If the club discontinues, the property falls on any responsible members willing to take same, otherwise it will be sold, and the proceeds will go towards the feast of St Joseph.*

*XV The opening and closing time of the club depends on the discretion of the committee.*

*XVI All notices on the board shall be signed by the Secretary.*

*XVII The committee holds the right to add, lessen or amend regulations as it deems necessary.*

*XVIII The club will be kept open from 7 a.m. to 11 p.m. daily, not including the principal feasts of the village, and Christmas Eve when the club will be kept open all night.*

*XIX Intoxicants at the Buffet are only supplied to members.*

Nistgħu ngħidu li l-istatut jagħmilha ċara li l-għan prinċipali hu li titkabbar il-festa ta' San Ġużepp. Dan l-istatut jidħol ukoll f'diversi regoli amminstrattivi, pereżempju li l-kumitat jinbidel fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena. Jagħti wkoll il-ħin tal-operat tal-każin kif ukoll klawżola ta' xi jsir mill-beni f'każ li jfalli fejn anke hawn jiffavorixxi l-festa ta' San Ġużepp.

Daqs kemm hu importanti dan l-istatut għall-istorja tal-każin ta' San Ġużepp f'Ħal Kirkop, hi aktar importanti nota datata 27 ta' Settembru 1938 iffirmata mill-Ispettur tal-*East District* lis-Supretendent tal-Pulizija responsabbli mid-distrett. Fiha hu jgħid li dan il-każin kien għalaq fl-1934 meta kien jinsab f'numru 6, Piazza Maggiore. Jgħid li dan infetaħ mill-ġdid fl-14 ta' Ottubru 1934 u li issa kien qed jerġa' jinfetaħ f'numru 9, Pjazza Kirkop.

Fis-snin ta' wara nsibu affermazzjoni tal-istatut jekk ma jinbidel xejn u notifika meta jinbidel. F'ittra bid-data tat-18 ta' Mejju 1940 nsibu lil Vincenzo Attard javza li f'laqgħa tal-kumitat li saret fil-15 ta' Mejju, hu kien irriżenja u postu ħadu John Polidano



Seduta l-Sarit fil-Każin San Ġużepp
nhar il 25 ta' Diċembru 1944. Kienu presenti:

1. Salvatore Spiteri. 2. Carmelo Debono.
3. Leonardo Farrugia 4. ~~Carm Dimech~~
5. Mikiel Callus. 6 Ċlem Farrugia
7 Karm Farrugia 8. Ċikku Mizzi.
9 Leonardo Sacco 10 Mikiel Azzopardi.
11 Sanin Tewma - 12 ~~Kardu~~ Cinnjar.
13 - Baskal Balzan 14. Naz. Attard.
15 Leonardo Camilleri 16. Anġ Debono.
17. Pawl Falzon. 18 Franġ. Spiteri.
19. ~~Pawlu Debono~~ 20. Mikiel Mizzi.
21. ~~Pawl Debono~~. 21 Gpe Falzon.
22 Giuseppi Cassar 23. Carm. Spiteri.
24 Benedetto Agius. 25. Loreto Sacco.
26. Mikiel Bartara 27 Carmelo Debono.
28 Nazareno Attard. ~~Carmelo Debono~~. 29. Pietro Attard.
30 David Mizzi. 31 Mikiel Grech

Gie maghzul President b'akklamazzjoni unanimi Salvu Spiteri. —
Gie maghzul Segretarju Karm Spiteri.
Gie maghzul Kaxxier. Carmelo Debono; Gpe Falzon.
Deputati Mikiel Azzopardi – Giuseppi Attard.
Nazareno Attard – Giovanni Tewma.
Vici President. Pawlu Debono
Vici Segretarju. Pawlu Falzon

Salvatore Spiteri
President

Spiteri Carmelo
Segretarju..

*Estratt mill-minuti tas-Seduta tal-25 ta' Diċembru 1944 kif preżentati lill-Pulizija*

li kien joqgħod f'numru 2, Sqar numru 2, Triq San Anard. Din l-ittra hija segwita minn statut ukoll miktub bl-Ingliż bi ftit tibdiliet minn ta' qabel pero mhux tant differenti fis-sustanza.

Jibda b'artiklu 1 li jgħid li 'The object of this club is;(a) to serve as a place of recreation of the members and (b) to promote the feast of St Jospeh which is annually held in this village.' F'dan l-istatut id-data tal-ħatra tal-kumitat tinbidel għal dik tal-15 ta' Mejju. Insibu terminoloġija differenti bħal per eżempju l-artiklu 7 jgħid '*any member of the Committee might at its leaisure investigate what is going on at the club*'. Tiddaħħal ukoll il-klawsola li isem membri ġodda jrid ikun ippublikat għal ġimagħtejn sħaħ qabel jiġi aċċettat bħala membru. Żieda oħra hi li kull min jiffrekwenta każini oħra fir-raħal jista' jiġi mkeċċi.

Għas-sena 1943 insibu lil Giuseppe Bonnici ta' 95, Carmel Street, iż-Żurrieq bħala segretarju. Dan ma damx wisq għaliex fl-istess fajl insibu nota ffirmata mis-segretarju l-ġdid Carmelo Spiteri li tgħid li saret seduta fil-każin San Ġużepp nhar il-25 ta' Diċembru 1944 u li għalija kienu preżenti:

| | |
|---|---|
| 1. Salvatore Spiteri | 2.Carmelo Debono |
| 3. Leonardo Farrugia | 4. Ant Dimech |
| 5. Mikiel Callus | 6. Clem Farrugia |
| 7. Karm Farrugia | 8. Ċikku Mizzi |
| 9. Leonardo Sacco | 10. Mikiel Azzopardi |
| 11. Ġanni Teuma | 12. Nardu Cutajar |
| 13. Baskal Balzan | 14. Naz Attard |
| 15. Leonard Camilleri | 16. Ant Debono |
| 17. Pawlu Falzon | 18. Frans Spiteri |
| 19. Paolo Debono | 20. Mikiel Mizzi |
| 21. Pawlu Debono | 21. Spe Falzon |
| 22. Giuseppe Cassar | 23. Carm Spiteri |
| 24. Benedetto Agius | 25. Loreto Sacco |
| 26. Mikiel Barbara | 27. Carmelo Debono |
| 28. Nazzareno Attard | 29. Pietro Attard |
| 30. David Mizzi | 31. Mikiel Grech |

*Nota: L-ismijiet b'linja taħtom jinqraw iżda huma ngassati.*

L-istess rapport jgħid li matul dik il-laqgħa ġie magħżul b'akklamazzjoni unanima bħala president Salvu Spiteri, bħala segretarju Karm Spiteri u bħala kaxxiera Carmelo Debono u Giuseppe Falzon. Insibu wkoll lil Mikiel Azzopardi, Giuseppi Attard, Nazzareno Attard u Ġanni Teuma bħala deputati. Il-viċi president maħtur kien Pawlu Debono u l-viċi segretarju Pawlu Falzon. Din in-nota kienet iffirmata minn Salvatore Spiteri bħala president u Carmelo Spiteri bħala segretarju.

F'ittra mill-Ispettur lis-Supretendent tad-distrett bid-data 5 ta' Jannar 1945 naraw kemm il-pulizija kienet tkun qed issegwi x'kien ikun qed jiġri f'dawn il-każini. Fl-ittra tiegħu l-Ispettur jgħid li s-segretarju Joseph Bonnici ma kienx bagħat ir-reġistrazzjoni għaliex fil-laqgħa li kienet saret f' jum il-Milied u li fiha ġie elett Carmelo Spiteri bħala segretarju, hu kien assenti u allura qies dik l-elezzjoni bħala nulla u bla effett. L-ispettur jgħid li dan x'aktarx kien sar apposta u juża l-kliem 'was absent from the sitting, presumably on purpose'. Bonnici kien ħareġ sejħa għal seduta oħra li kellha ssir it-Tnejn ta' wara pero l-Ispettur jgħid li '*it is reliably known that there will not be a quorum*' u jidher li b'hekk din il-kwistjoni ssolviet.

Fil-korrispondenza ta' Jannar 1945 insibu l-aħħar użu tal-isem 'Casino Principale San Giuseppe'. Fis-sottomissjoni magħmula fil-31 ta' Diċembru 1945 insibu lil Paul Falzon ta' 9 Triq San Ġuzepp Kirkop bħala segretarju u din tkun l-ewwel formola mimlija bl-isema tal-każin 'St. Joseph's Club'. Falzon baqa' wkoll għas-sena 1946 meta fil-formola jsejjaħ il-każin bl-isem ta' 'St Joseph Band Club'. Fit-12 ta' Marzu 1948 insibu li Carmelo Farrugia ta' 29 Triq San Benedettu kien segretarju u kien qed jgħaddi l-kariga lil Toni Theuma ta' 21 sena, bin Nardu ta' Żaċċa li joqgħod 21 Triq San Nikola Kirkop. Theuma jibqa jidher sal-1950 meta jerġa' jkun Giuseppe Bonnici li jidħol segretarju fl-1951. F'dik is-sena, għalkemm l-istatut ma jidhirx li nbidel, Bonnici jżid ukoll il-punt 'to foster a study for the band' maż-żewġ għanijiet ta' qabel.

## Diversi membri b'kariga li jissemmew f'dan l-artiklu



***Salvu Spiteri***
***President***



***Giuseppe Bonnici***
***Segretarju***



***Toni Theuma***
***Segretarju***



***Vincenzo Attard***
***Segretarju***



***Pawlu Falzon***
***Segretarju***

Fil-formola ffirmata fit-28 ta' Jannar 1952 insibu lil Clement Farrugia li kien joqgħod 11, Triq San Benedettu bħala segretarju. Jidher li t-termini ta' segretarji kienu jkunu qosra għaliex f'ittra datata 22 ta' Mazu 1953 Celement jgħid li kien irriżenja b'effett mill-24 ta' Marzu 1953. Jerġa' jidħol Giuseppe Bonnici u l-istorja minn dan il-fajl tieqaf hemm, fl-1954.

**Konklużjoni**

Dan il-fajl jitfa' dawl ġdid fuq il-ħidma tal-każin San Ġużepp ta' Ħal Kirkop għall-perjodu ta' bejn l-1938 u l-1954. Il-każini kienu jbagħtu minn konflitti interni kif ibagħtu llum il-ġurnata. Interessanti ferm il-kwistjoni tal-isem 'Principale' u ma neskludix li approfondimenti li jsiru minn varji sorsi aktar 'il quddiem jista' jitfa' aktar dawl. Iżda dak għal appuntament ieħor!




**GARDEN CENTRE ŻEJTUN** Prop J. Zahra

**Għal kull tip ta' ikel u vitamini għal kull xorta ta' annimali, Sustanzi u bexx għall-għalqa u l-pjanti, Pots tal-fuħħar, tal-plastic u tal-qasab, Pjanti ta' l-Italja, żerriegħa eċċ. Ikollna wkoll kull tip ta' xtieli ta' ħxejjex tal-ikel u aromatiċi Siġar tal-frott, xitel u ħxejjex miġjuba mill-Italja.**

**Tel: 2180 2293 Triq il-President Anton Buttigieg, Żejtun**

